MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 161/2014

**Christopher Attard**

**vs**

**Sarah Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li gie pprezentat nhar is-7 ta’ Mejju 2014 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma komplessiva ta’ disat elef u erba’ mitt ewro (€9,400) rapprezentanti l-import ta’ kambjala datata 20 ta’

Marzu 2010 u li mmaturat ghall-hlas fl-10 ta' Gunju 2011, kif ukoll thallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-maturita' tal-kambjala, ossia mill-10 ta' Gunju 2011 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, tal-ittra ufficjali datati 6 ta' Jannar 2014 u tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ntavolat kontestwalment u bil-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall Eugenio Mallia datata 8 ta' Lulju 2014 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u tal-avviz fl-indirizz tal-konvenuta kif moghti fir-rikors promotur, fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra (fol. 22 tergo).

Rat illi l-konvenuta giet ukoll notifikata bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar is-7 ta' Lulju 2014 (fol 20) u fil-gazzetta lokali Times of Malta nhar it-3 ta' Novembru 2014 (fol 29).

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014 il-konvenuta giet imsejha izda ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2014 il-konvenuta regghet ma dehritx sabiex twiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma kumplessiva ta' disat elef u erba' mitt Ewro (€9,400) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar 2014 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors promotur, bl-ispejjez tat-taxxa fuq l-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali appena msemmija.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------